

**Motivi invokati**

- Ksur tal-ewwel frażi tal-Artikolu 76(1) u ksur tal-Artikolu 76(2) tar-Regolament Nru 207/2009;
- Ksur tal-Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009.

---

**Rikors ippreżentat fil-21 ta' Marzu 2016 – Isdin vs EUIPO – Spirig Pharma (ERYFOTONA ACTINICA)****(Kawża T-117/16)**

(2016/C 191/47)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

**Partijiet**

**Rikorrenti:** Isdin, SA (Barcelona, Spanja) (rappreżentanti: G. Macías Bonilla, P. López Ronda, G. Marín Raigal u E. Armero, avukati)

**Konvenut:** L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

**Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:** Spirig Pharma AG (Egerkingen, l-Isvizzera)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem il-EUIPO**

**Applikant għat-trade mark ikkontestata:** ir-rikorrenti

**Trade mark ikkontestata kkonċernata:** it-trade mark verbali tal-Unjoni “ERYFOTONA ACTINICA” – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 11 853 116

**Proċedimenti quddiem il-EUIPO:** proċedimenti ta' oppożizzjoni

**Deċiżjoni kkontestata:** deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-20 ta' Jannar 2016 fil-Każ R 1387/2015-4

**Talbiet**

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO u, jekk ikun il-każ, lill-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell għall-ispejjeż, inklużi l-ispejjeż essenzjali sostnuti fil-proċedimenti quddiem id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni u l-Bord tal-Appell tal-EUIPO.

**Motivi invokati**

- Id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell li ma tissospendix il-proċedimenti tikkostitwixxi żball manifest ta' evalwazzjoni, abbuż ta' poter u ksur tar-Regola 20(7) flimkien mar-Regola 50(1) tar-Regolament Nru 2868/95, tar-Regola 52(1) tar-Regolament Nru 2868/95, tal-Artikoli 75, 76(1) u 99(1) tar-Regolament Nru 207/2009 u ksur tal-prinċipji ta' ugwaljanza quddiem il-liġi, ta' proporzjonalità, ta' ċertezza legali u ta' amministrazzjoni tajba;
  - Sussidjarjament, ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.
-